# Lill-Qamar Kwinta

## Rena Balzan

Sa Donna Borg
Sa Sarah Ellul
Sa Amanda Tanti

Convent of the Sacred Heart School Foundation, San Ġiljan

# It-Titlu tal-poeżija

- It-titlu jindika indirizz
- L-indirizz huwa speċifiku – lill-qamar
- Balzan tispeċifika wkoll x'tip ta' qamar hu: kwinta
- Għalhekk, għandna indirizz lejn xi ħaġa mhux ħajja
- It-titlu jagħti indikazzjoni li Balzan se titkellem miegħu tul il-poeżija kollha

# ...tkompli

- Il-qamar kwinta huwa pjuttost rari u ħafna jassoċjaw miegħu element ta' seħer.
- Mhux kulħadd iħares lejn il-qamar bl-istess mod, speċjalment lejn il-qamar kwinta.
- B'hekk, il-qarrejja kollha jistgħu jirriflettu dwar it-titlu b'mod differenti.
- Hawn min jarah **romantiku**, hawn min iħares lejh biss b'mod **xjentifiku**, hawn min forsi jsaħħru, u hawn min jibża' minnu wkoll.
- Ġeneralment, meta xi ħadd jitkellem ma' element tan-natura jkun qed jaqsam il-ħsibijiet l-iktar profondi, misterjużi jew sigrieti dwaru.
- B'hekk, il-qarrej huwa mistieden li jidħol fid-dinja intima tal-poetessa, għax se jisma' diskors li ma kellux jisma'.

# L-Istruttura

- Il-poeżija hija magħmula minn strofa waħda imma nistgħu ngħidu li hi maqsuma fi tlieta. It-tliet partijiet huma mmarkati minn punt u virgola (;).
- **L-ewwel parti:**
  - l-istqarrija tal-għarfien tal-poetessa dwar il-qamar. Il-poetessa tistqarr mal-qamar x'saret taf dwaru, jiġifieri li d-dawl mhuwiex tiegħu imma tax-xemx:***"Naf li int fqajjar mingħajr ħjiel ta' ħajja"***
  - L-indirizz huwa wieħed assertiv u mhux teneru - il-verb ***"naf"*** juri saħħa u ċertezza
  - Il-poetessa donnha qed tnaqqas il-valur tal-qamar

# ...tkompli

- **It-tieni parti:**
  - ir-reazzjoni tagħha għal dak li skopriet: ***"m'għadnix narak tilma u tħuf fid-dawl tal-fantasija"***
  - Filwaqt li fl-ewwel parti qed tgħid x'saret taf, fit-tieni parti qed tesprimi l-ideat tagħha dwar dan il-fatt.
  - Hawnhekk il-qarrej iħoss ħjiel ta' diżappunt min-naħa tal-poetessa.
  - Hawnhekk nistennew li r-relazzjoni tagħha mal-qamar marret għall-agħar.
  - Nistgħu nqabblu din ir-relazzjoni mar-relazzjonijiet bejn il-bnedmin: kulma hu ġdid jew bla risposta iqanqal kurżità fil-bniedem. Ir-relazzjonijiet, xi ftit jew wisq, jaħdmu wkoll b'dan il-mod: fil-bidu, sakemm tkun għadek qed tiskopri u ssir taf persuna u jkollok ħafna mistoqsijiet dwarha, l-affarijiet ikunu aktar eċċitanti.

# …tkompli

- **It-tielet parti:**
  - ninnutaw li ġej kuntrast permezz tal-kelma ***"'mma"***
  - Il-poetessa se tgħid xi ħaġa li se tissorprendina
  - Fil-fatt, minkejja li skopriet dan il-fatt fuq il-qamar, xorta jidher li għadu jqanqal sentimenti pożittivi fiha: qisha ma tistax tevitah dan il-fatt u qiegħda wkoll taqsmu miegħu, kważi b'ton li trid isserraħlu rasu li bejniethom ir-relazzjoni għadha b'saħħitha
  - Fil-fatt, hawnhekk, tinfexx tfaħħar lill-qamar: tgħidlu li hu jsebbaħ is-smewwiet f'lejla sajfija (vers fejn għandna wkoll allitterazzjoni li tkompli żżid mal-ħlewwa ta' dak li qed tgħid) u li tinsa l-affarijiet ħżiena li setgħet qaltlu qabel u qalbha terġa' "tfur bil-poeżija"
  - Din il-parti tirrappreżenta **l-volta** tal-poeżija li nsibuha fir-reġistru, fit-ton u anki fil-burdata

# It-tliet stadji ta' Balzan

| 1. L-istat tal-illużjoni (passat) | 2. L-istat ta' għarfien (preżent) | 3. L-istat ta' apprezzament (kontinwu) |
| --- | --- | --- |
| Kienet tarah ileqq u jdur "fid-dawl tal-fantasija" | Saret taf li d-dawl li jarmi mhuwiex tiegħu | Minkejja dan, meta tarah isebbaħ is-smewwiet f'lejla sajfija, tinsa dak kollu li tkun qaltlu – affarijiet negattivi |
| Kienet tarah bħala xi ħaġa misterjuża u inspjegabbli | Saret taf li huwa bla ħajja | xorta tibqa' tapprezza s-sbuħija tal-qamar u tammirah minħabba l-valur estetiku |

# X’inhu l-valur tal-qamar għal Balzan?

- Balzan tinsa l-affarijiet ħżiena li setgħet qaltlu u qalbha terġa’ wkoll ***“tfur bil-poeżija”***
- Hawnhekk jista’ jkun qed tirreferi litteralment għall-poeżija, jiġifieri li l-qamar huwa sors ta’ ispirazzjoni għaliha, bħal muża.
- Il-qamar jista’ jkun il-post fejn jinġabar il-ħolm tagħha reġgħet ġietha ispirazzjoni biex tikteb il-poeżija
- Jista’ jkun ukoll li qed tirreferi għal xi ħaġa aktar ġenerali, u li l-***“poeżija”*** hawnhekk qed tirrappreżenta l-affarijiet sbieħ u l-imħabba: bil-qamar, terġa’ tħossha aħjar

# Id-djalogu intimu

- Il-mod kif tkellem lill-qamar il-poetessa, jixbah ħafna lill-mod ta’ kif mara tkellem raġel jew maħbub.
- Toħloq atmosfera romantika u tkellmu b’ċerta intimità.
- Kważi tistħajjel li l-qamar se jirrispondiha.
- It-tip ta’ attitudni tagħha lejn il-qamar tixbah lil dik ta’ mara li skopriet ċerti affarijiet dwar ir-raġel tagħha, jew li taf li forsi r-relazzjoni tagħha mhix se tirnexxi u li fiha affarijiet negattivi, imma xorta tixtieqha u tispiraha.
- Balzan qisha mara li qed tgħid lir-raġel tagħha: jien naf inti x’inti  u x’għamilt, imma togħġobni kif inti.

# Id-dilemma tal-poetessa

- Rena Balzan hija l-awtriċi ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet kemm xjentifiċi kif ukoll letterarji, u din il-poeżija qiegħda tirrifletti proprju dan.

- Balzan qed tħares lejn il-qamar miż-żewġ aspetti u qed taħseb bejnha u bejn ruħha jekk hux **"illużjoni"** jew **"fqajjar mingħajr ħjiel ta' ħajja"**, jekk hux sors ta' **"fantasija"** jew dak **"li (j)armi lewn il-fidda msawwar/ lil(u) misluf minn ħliqa aktar setgħana"**.

# ...tkompli

- Allura l-poetessa qed tipparteċipa f'illużjoni sabiex fl-istess waqt tiċħadha, u b'hekk qed niltaqgħu ma' kuxjenza inċerta.

- Iġġiegħel lill-qarrej jistaqsi liema element minn dawn it-tnejn huwa l-iktar importanti għaliha u għall-qarrej.

- Jista' jkun li l-poetessa qed tidentifika ruħha mal-qamar, għax hi wkoll tħaddan aspetti differenti fiha, bħalma l-qamar jinbidel f'forom differenti. (qabbel ma' "Jien").

# Xi punti stilistiċi

- Titkellem bl-**implikazzjoni**: insiru nafu li qed titkellem dwar ix-xemx mhux għax issemmiha b'isimha imma mill-mod kif tiddeskriviha:

  "ħliqa aktar setgħana"

- L-indirizz jagħmilha aktar **intima**, u tul il-poeżija kollha, il-poetessa tuża **t-tieni persuna singular** biex tkellem lill-qamar donnha qed tkellem lil xi ħadd li ilha tafu ħafna.
- Il-poetessa tikteb fil-preżent kif jidher mill-verbi li tuża: ***"naf", "nilmħek", "ninsa" -*** hija sitwazzjoni li għadha qed isseħħ.

# It-tipoloġija

- **Poeżija moderna**
  - kemm fil-metrika u anki fl-istil
  - Għandna l-indirizz lejn element tan-natura li hi karatteristika tipika tal-poeżija Romantika
  - iżda, il-mod ta' kif qed titkellem mal-qamar u kif qiegħda saħansitra tnaqqas il-valur tiegħu u tiċħad l-element fantastiku tiegħu f'ċerti partijiet tal-poeżija, huwa aktar tipiku tal-poeżija moderna.

- **Poeżija deskrittiva**
  - qed tiddeskrivi l-qamar b'diversi aġġettivi u kliem u frażijiet oħra: "fqajjar", "kwinta", "mingħajr ħjiel ta' ħajja", "lewn il-fidda"

# ...tkompli

- **Poeżija riflessiva**
  - il-poetessa għalkemm qed titkellem mal-qamar, qiegħda wkoll tirrifletti dwar ir-relazzjoni tagħha mal-qamar u dwar is-sentimenti li għandha lejh u kif minnu tieħu l-ispirazzjoni tagħha
  - minbarra li l-poeżija hija waħda ta' indirizz tinħass ukoll bħala monologu intern li fih il-poetessa qed tipprova tifhem u tagħmel sens mill-ħsibijiet tagħha

- **Poeżija apostrofika**
  - hija apostrofika mill-bidu sal-aħħar (hija monologu indirizzat lejn il-qamar)

# It-ton

- It-ton huwa assertiv mill-bidu sal-aħħar
- Dan it-ton toħolqu permezz tal-indirizz u permezz ta' verbi b'saħħithom bħal ***"Naf".***
- Fil-bidu għandna ton li jista' jiġi interpretat bħala wieħed ta' diżappunt u kritiku: il-poetessa skopriet ċerti affarijiet fuq il-qamar.
- Madankollu, wieħed jista' jarah bħala ton ta' aċċettazzjoni: il-poetessa qisha qed tgħidlu: "jien naf kollox dwarek, imma xorta togħġobni".

# ...tkompli

- It-ton, fl-aħħar tal-poeżija, għalkemm xorta waħda jesprimi ċertezza, huwa iktar teneru.
- Il-poetessa qed tgħid lill-qamar, li hu jogħġobha minkejja kollox.
- Dan it-ton toħolqu permezz ta’ kliem li juri sentiment qawwi: ***“issebbaħ”, “poeżija”, “qalbi”, “ninsa”.***
- Hawnhekk għandna wkoll ton ta’ ammirazzjoni: ***“... kif fil-għoli nilmħek qamar kwinta\issebbaħ is-smewwiet f’lejla sajfija”.***
- Għalhekk, naraw li hemm kuntrast bejn iż-żewġ partijiet prinċipali tal-poeżija mhux biss fir-reġistru u fil-kontenut imma anki fit-ton u l-burdata.

# Ir-reġistru u n-nisel tal-kliem

- Il-maġġoranza tal-kliem użat huwa Semitiku, iżda nsibu xi kliem Rumanz (**fantasija** u **illużjoni**)
- Kliem li għandu x'jaqsam mal-element fantastiku: ***"dawl", "fidda", "ħliqa", "illużjoni", "tilma", "fantasija"***
- l-użu ta' diversi aġġetivi li hu tipiku ta' poeżija deskrittiva: ***"fqajjar", "setgħana", "kwinta", "sajfija"***
- kliem li għandu x'jaqsam mal-elementi naturali: ***"dawl", "fidda", "qamar", "smewwiet"***



# ...tkompli

- kliem li joħloq atmosfera romantika (li għandu x'jaqsam man-natura, mal-imħabba u mal-illużjoni u ma' emozzjoni u sentiment qawwi): ***"dawl", "fidda", "fantasija", "qamar", "issebbaħ", "poeżija", "qalbi", "tfur", "smewwiet", "illużjoni"***

- Fl-ewwel (u t-tieni) parti tal-poeżija nsibu kliem u frażijiet li għandhom konnotazzjoni pjuttost negattiva: **mingħajr ħjiel ta' ħajja, l-ebda illużjoni, m'għadnix narak/tilma u tħuf fid-dawl tal-fantasija.**

- Fl-aħħar parti mbagħad jintuża kliem b'konnotazzjoni aktar pożittiva u ta' tifħir: **issebbaħ is-smewwiet, lejla sajfija, qalbi tfur bil-poeżija.**

# Il-Metrika

- Poeżija magħmula minn strofa waħda ta’ għaxar versi
- Versi endekasillabi – l-endekasillabu huwa l-aktar vers meqjus fit-tradizzjoni letterarja u l-użu tiegħu jista’ jimplika li Balzan ħa tittratta suġġett serju li aktarx jinvolvi r-riflessjoni.
- Balzan tirregola n-numru ta’ sillabi f’kull vers permezz ta’ għodod letterarji bħall-eliżjoni u l-aferesi u nsibu wkoll l-konġunzjoni “u” miktuba bħala “w” sabiex titnaqqas sillaba

# Ir-Rima

- M'hemmx rima regolari.
- Hemm rima fl-aħħar ħames versi tal-poeżija bejn "fantasija", "sajfija" u "poeżija".
- Tnejn mill-kelmiet li jirrimaw ("sajfija" u "poeżija") jinsabu fl-aħħar parti tal-poeżija li hi l-iktar waħda li tesprimi sentimenti sbieħ.
- Għalhekk ir-rima jista' jkun li qed tintuża biex tkompli toħroġ dan l-element.

# Ir-Ritmu

- Ir-ritmu jimxi ferm mal-ħsieb tal-poetessa: meta tikteb dwar il-qamar minn aspett xjentifiku, ir-ritmu mhux mexxej daqs it-tieni parti fejn Balzan tikteb dwar l-aspett romantiku tiegħu.
- Il-punteġġjatura (;) u n-nuqqas ta' rima fl-ewwel parti joħolqu ritmu inqas mgħaġġel, b'hekk, il-qarrej jidħol iktar fl-atmosfera kalma, tant li jibda jimmaġina lilu nnifsu jħares lejn il-qamar.
- Fit-tieni parti, fejn insibu l-burdata romantika, Balzan tagħmel użu wkoll mill-allitterazzjoni, li tkompli toħloq ritmu iktar mexxej u pożittiv.
- Ir-ritmu tkompli żżidu fl-aħħar ħames versi tal-poeżija permezz tar-rima bejn "fantasija", "sajfija" u "poeżija"

# Il-Figuri tat-taħdit u xi eżempji

- **Apostrofi:**

*“Naf li inti fqajjar mingħajr ħjiel ta’ ħajja”*

- **Personifikazzjoni:**

*“tilma u tħuf fid-dawl tal-fantasija”*
*“Naf li inti fqajjar”*

- **Aferesi:**

*“ ’mma”*

- **Allitterazzjoni:**

*“issebbaħ is-smewwiet f’lejla sajfija”*

# ...tkompli

- **Inverżjoni:**

*"u terġa' qalbi tfur bil-poeżija"*

- **Enjambment:**

*"Naf li inti fqajjar mingħajr ħjiel ta' ħajja*
*w li d-dawl li tarmi lewn il-fidda msawwar*
*lilek misluf minn ħliqa aktar setgħana"*

- **Metafora:**

*"qalbi tfur bil-poeżija"*

- **Eliżjoni:**

*"lilek misluf minn ħliqa aktar setgħana;*
*l-ebda illużjoni ma baqagħli dwarek"*